Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 11/2011

**Katia Borg**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2012 gie kjamat in kawza l-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**

30 ta' Jannar 2017

**Il-Qorti:**

Rat **l-ittra tal-appell ta' Katia Borg** lill-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport permezz ta' liema hija appellat mid-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment tad-19 ta' Gunju 2009[1], f'liema decizjoni giet rifjutata l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura taghha tal-ghamla Volkswagon Touareg bin-numru ta' registrazzjoni Taljan CZ 302 GL.

Rat **ir-risposta tal-intimata Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**[2] permezz ta' liema ressqet is-segwenti eccezzjonijiet: (i) hija m'hijiex legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti, in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' residenza permanenti barra minn Malta, tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196/2009). Inoltre' l-Awtorita' esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni; u (ii) sussidjarjament u bla pregudizzju, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali u gusta.

Rat **ir-risposta tal-kjamat in kawza Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u**

[1] Fol 15.

[2] Fol 31.

**Investiment**[3] pemezz ta' liema eccepixxa li t-talba tar-rikorrenti ghal ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura migjuba f'Malta mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' stante illi r-rikorrenti, anke mill-provi prodotti tul dawn il-proceduri, ma ppruvatx illi l-vettura taghha kienet qeghda tuzaha 24 xahar barra minn Malta. Ghal kuntrarju jirrizulta illi hija kienet tigi hawn Malta bl-istess vettura tul l-istess zmien.

Rat l-artikolu 40 (2) tal-Att Dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) bis-sahha ta' liema l-procedimenti pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport, inkluz dak odjern, ghaddew f'idejn it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Rat **is-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tas-17 ta' Novembru 2014** li ddecidiet hekk:

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjoni tal-Ministeru kjamat in kawza u jilqa' l-appell tar-rikorrenti billi jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru kjamat in kawza datata 19 ta' Gunju 2009 u jidderigi lill-istess Ministeru sabiex jerga' jevalwa d-decizjoni tieghu in vista ta' dak hawn fuq premess.*

*Bl-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."*

Dan wara li l-istess Tribunal ikkunsidra li:

i. Kif irrizulta mill-provi ir-rikorrenti marret tghix fl-Italja fl-2005;

ii. Fl-2006 hija bdiet issegwi kors offrut mill-Kumpanija Maltija GABA Diamonds relatat mal-gojjellerija. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet talbet ghal ezenzjoni lill-predecessur tal-Awtorita` intimata sabiex tkun tista' tinzel bil-vettura taghha hawn Malta bil-ghan li ssegwi l-istess kors, liema ezenzjoni inghatat ghal sentejn u cioe' sal-2008 meta kellu jintemm l-istess kors;

iii. Fl-2008 ir-rikorrenti regghet applikat ghal estensjoni tal-ezenzjoni moghtija precedentement ghaliex kienet se tkompli kors iehor, dejjem ma' Gaba Diamonds, liema ezenzjoni ma nghatatx;

iv. Fl-2009 ir-rikorrenti iddecidiet li terga' tirritorna lejn Malta sabiex terga' tibda tghix hawnhekk u ghalhekk applikat sabiex tottjeni ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni;

v. Jirrizulta illi l-kors li r-rikorrenti bdiet fl-2006 kien wiehed b'korrispondenza u ghalhekk

[3] Fol 83.

hi kienet titla' u tinzel bejn Malta u l-Italja kull tant zmien;

vi. Il-Ministeru kjamat in kawza irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghaliex skond ir-*records* li gew mghoddija lilu mill-Awtorita` intimata irrizultalu li r-rikorrenti kienet ilha tuza l-vettura hawn Malta sa minn tlett snin qabel id-data tal-applikazzjoni;

vii. Ir-rikorrenti targumenta illi l-Ministeru kjamat in kawza ta interpretazzjoni zbaljata ghall-ittra li hija kitbet lill-Awtorita` intimata biex tinghata ezenzjoni milli thallas it-taxxa tar-registrazzjoni ghax assuma li tul il-perjodu kollu li ghalih hija talbet l-ezenzjoni hija fil-fatt kienet qieghdha toqghod hawn Malta u kienet qed tuza l-vettura in kwistjoni. Abbazi ta' din l-assunzjoni zbaljata, il-Ministeru kjamat in kawza irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni;

viii. Mid-dokumenti esibiti in atti jirrizultaw diversi hlasijiet li saru fl-Italja kemm fir-rigward ta' residenza tar-rikorrenti kif ukoll il-vettura in kwistjoni u dan ghal perjodi varji li jaslu sal-2008 u 2009;

ix. It-Tribunal ma jaqbel xejn mal-mod kif l-istess Bord interpreta d-dokumenti li ghaddietlu l-Awtorita` intimata. Huwa veru li r-rikorrenti segwiet kors ta' gojjellerija hawn Malta mill-2006 sal-2008. B'dana kollu, anke jekk xi drabi giet bil-karozza taghha mill-Italja, ma jfissirx li hija kienet ilha tuza l-vettura taghha hawn Malta fit-tlett snin ta' qabel l-applikazzjoni. Kif spjegat ir-rikorrenti, liema fatt ma giex kontradett la mill-Awtorita` intimata u lanqas mill-Ministeru kjamat in kawza, il-kors li kienet qed issewgi kienet wiehed b'korrispondenza. Dan ifisser li ma kienx hemm bzonn il-presenza taghha kontinwa f'Malta. Kien biss f'xi okkazzjonijiet li hija nizlet hawn Malta u ghal dawk l-okkazjonijiet hija ottjeniet permess biex tkun tista' ticcirkola bil-vettura taghha minghajr il-bzonn li thallas it-taxxa ta' registrazzjoni;

x. Il-Bord kien zbaljat meta assuma li ghaliex inghatat l-ezenzjoni mill- Awtorita` intimata allura l-vettura tar-rikorrenti kienet ingabet hawn Malta u baqghet hawn Malta.

xi. Ghaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Bord evalwa hazin id-dokumenti sottomessi quddiemu meta assuma li r-rikorrenti kienet qieghdha ticcirkola f'Malta ghal tlett snin qabel l-applikazzjoni u dan biss abbazi tal-ezenzjoni moghtija mill-Awtorita` intimata. Pero' dan it-Tribunal irrileva wkoll illi r-rikorrenti innifisha ma kinitx daqshekk cara u esplicita fl-ittra taghha mibghuta lill-predecessur tal-Awtorita` intimata bl-intenzjoni taghha li ssegwi kors b'korrispondenza. Minn qari tal-istess talba wiehed ghandu x'jifhem illi r-rikorrenti kienet qed titlob l-ezenzjoni biex ticcirkola f'Malta tul is-sentejn shah u cioe mill-2006 sal-2008. Dan se jigi rifless fil-kap tal- ispejjez.

Minn din is-sentenza appella l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. L-appellata

Katia Borg wiegbet[4]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[5] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

**L-aggravju.**

L-appellant jilmenta li t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu billi skarta l-kontenut tan-Nota responsiva tieghu.

It-Tribunal qal hekk:

*"Finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kontenut tan-nota responsiva tal-Ministeru intimat u jirrileva illi l-kontenut tal-istess nota ma jitrattax ir-raguni tar-rifjut tal-ezenzjoni u cioe li l-vettura kienet ilha hawn Malta ghal tlett snin imma jsemmi raguni li ma ssemmiet la fl-ittra tar-rifjut u wisq inqas fl- eccezzjonijiet tal-istess Ministeru. In fatti l-istess nota titratta l-punt tar- rekwizit ta' "residenza normali", liema rekwizit qatt ma gie dibattut fil-mori ta' dan l-appell u wisq inqas issemma', kif ga intqal, fl-ittra tar-rifjut. Kwindi certament dan it-Tribunal ma jistghax jidhol f'dan il-punt ghaliex ma kinitx ir-raguni ghala t-Transfer of Residence Exemption Board irrifjuta l-ezenzjoni in kwistjoni."*

L-appellant isostni li mill-korp tad-decizjoni mpunjata tal-Ministeru huwa ben deducibbli li r-rifjut tal-applikazzjoni kien ibbazat fuq zewg binarji, u cioe' li:

i. l-appellata ma kinitx tgħix barra minn Malta għal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza tagħha lejn Malta – a tenur tar-Regolament 4 (1) (a) tal-A.L. 196 tal-2009; kif ukoll

ii. il-vettura ma kinitx ilha tintuza fl-esteru ghal perjodu tal-anqas erbgħa u għoxrin xahar qabel id-data li fiha hi ma baqax ikollha r-residenza taghha barra minn Malta – a tenur tar-Regolament 4 (1) (a) tal-A.L. 196 tal-2009

Ghaldaqstant fil-fehma tieghu, is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-kriterju tar-residenza ma kellhomx jigu njorati mit-Tribunal.

Minn naha l-ohra fir-risposta taghha l-appellata tirribatti li:

i. L-appellant qieghed sempliciment jipprova jisposta taht binarji differenti r-raguni tar-rifjut moghtija lill-appellata fl-ittra surreferita;

[4] Fol 10.

[5] Fol 21.

ii. Dak illi qed jippretendi l-appellanti huwa mproponibbli peress li l-argument dwar "ir-residenza normali" qatt ma gie sollevat fil-mori tal-proceduri quddiem it-Tribunal u sahansitra lanqas ma kien imsemmi fl-ittra tar-rifjut tal-Ministeru appellant;

iii. It-Tribunal kellu ragun jiddeciedi illi r-rekwizit ta' 'residenza normali' ma ghandux jigi kkunsidrat, stante illi kif inhu konsistentement ritenut il-Qorti ghandha tikkunsidra biss il-kaz skont il-parametri tat-talba hekk kif maghmula mill-partijiet.

**<u>Preliminari.</u>**

1. Bhala fatt, huwa minnu li provi dwar ir-residenza tal-appellata tressqu fil-kawza, izda l-Qrati u Tribunali mhumiex obbligati li jaghtu gudizzju fuq kull argument jew prova imressqa, ghaliex huwa fid-diskrezzjoni taghhom li fis-sentenza jissenjalaw dak li fil-fehma taghhom huwa rilevanti u li eventwalment wassalhom biex jaghtu l-gudizzju taghhom fuq it-talbiet imressqa quddiemhom;

2. L-argumenti dwar ir-rekwizit tar-*"residenza normali"* u rekwiziti ancillari tqajmu originarjament mill-appellata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha quddiem it-Tribunal[6] u mhux mill-appellant odjern li fin-Nota responsiva tieghu irribatta l-argumenti tar-rikorrenti. Il-Qorti ma tikkomprendix ghalhekk il-kuntest tal-osservazzjoni finali tat-Tribunal fil-konfront biss tal-appellant Ministeru tal-Finanzi, l-istess kif ma tikkomprendix il-pozizzjoni li hadet l-appellata fir-risposta tal-appell fejn qeghda issa tiddefendi din l-osservazzjoni tat-Tribunal meta kienet hija stess li pproponiet argumenti estensivi dwar dan ir-rekwizit quddiem l-istess Tribunal.

3. Il-Qorti tissottolinea wkoll li appell huwa koncess minn kap wiehed jew aktar tas-sentenza[7] u mhux minn ilment li l-kontenut ta' Nota ta' Osservazzjonijiet gie "skartat" kif qed jargumenta l-appellant, liema aggravju, kif redatt, igib l-inammissibilita' tal-appell.

4. F'kull kaz izda, kif ser jinghad, il-Qorti ma tarax li l-argumenti mressqa mill-appellant dwar il-kriterju tar-residenza tal-appellata huma gustifikati ghax ma jwasslux ghal ezitu divers minn dak li wasal ghalih it-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Mill-atti jirrizulta li:

1. Id-decizjoni 19 ta' Gunju 2009[8] mehuda mill-Ministeru appellant fil-konfront ta' Katia Borg tghid hekk:

---

[6] Fol 160 et seq.

[7] Art 240 tal-Kap 12.

[8] Fol 56.

*"Reference is made to your application for an exemption under Article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence).*

*It is regretted that this Ministry cannot accede to your request. From records held at ADT,* ***it transpires that you have been using the said motor vehicle in Malta for at least the past three years. As a result you do not qualify for the transfer of residence exemption."***

2. Il-mertu tal-ittra tal-appell ta' Katia Borg quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport, u eventwalment it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, jikkonsisti f'talba ghal revizjoni tad-decizjoni tal-Ministeru a bazi tal-argument li qabel il-wasla tal-vettura in kwistjoni f'Malta din kienet qeghda tigi wzata minn Katia Borg fl-Italja ghal perjodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar[9].

3. Fir-risposta guramentata tieghu[10], il-Ministeru appellant zamm ferm il-pozizzjoni tieghu li t-talba ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni ma kellhiex tintlaqa' ghax l-appellata ma wrietx, *"…illi l-vettura taghha kienet qeghda tuzaha 24 xahar barra minn Malta. Ghal kuntrarju jirrizulta illi hija kienet tigi hawn Malta bl-istess vettura tul l-istess zmien."*

Fil-kaz odjern it-talba tal-appellata quddiem it-Tribunal kienet ghar-revizjoni tad-decizjoni tal-Ministeru tad-19 ta' Gunju 2009, liema decizjoni, kif ufficjalment komunikata lill-appellata tghid biss li hija ma kinitx intitolata ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ghax **kienet qeghda tuza l-vettura in kwistjoni f'Malta ghal perjodu ta' tlett snin qabel ma saret l-applikazzjoni**. It-Tribunal iffoka l-kunsiderazzjonijiet tieghu fuq dan il-binarju, kif kellu l-obbligu li jaghmel, u wasal ghall-konkluzjoni li dan ma kienx il-kaz a bazi tal-provi li wrew li:

i. F'Mejju 2005 l-appellata Katia Borg telqet minn Malta fejn bdiet tghix gewwa Ruma u damet tirrisjedi hemm b'mod regolari sal-2008[11]. Hija kellha permess tar-residenza fl-Italja ghall-perjodu bejn is-16 ta' Mejju 2005 u s-16 ta' Mejju 2010[12];

ii. Il-vettura tal-appellata bin-numru ta' registrazzjoni CZ 302 GL inxtrat minn Malta izda giet registrata gewwa l-Italja fis-17 ta' Novembru 2005[13];

---

[9] Fol 1.

[10] Fol 83.

[11] Affidavit Katia Borg Fol 109 u ricevuti tal-hlas tal-kera (fol 120-124).

[12] Fol 71.

[13] Dok I u J a fol 81 u 82.

iii. Gew esibiti mill-appellata fatturi ta' xoghlijiet li twettqu fuq il-vettura gewwa l-Italja fl-2006-2008[14]; fattura ghal parkegg tal-vettura gewwa l-Italja fl-2008-2009[15] u certifikati tal-assikurazzjoni tal-vettura gewwa l-Italja bejn l-2005 u l-2008[16];

iv. Il-korsijiet tal-gojjellerija li l-appellata kienet issegwi f'Malta kienu b'korrispondenza u l-appellata kienet biss tinzel f'Malta f'diversi okkazjonijiet[17];

v. L-applikazzjoni tal-appellata ghal ezenzjoni ohra minn tali hlas sabiex hija tissokta kors ta' sentejn ohra f'livell intermedjarju/avvanzat ghall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2008 u t-28 ta' Frar 2010[18], giet prezentata fit-2 ta' Marzu 2009[19];

vi. Il-vettura waslet f'Malta fl-20 ta' Frar 2009[20].

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li ghalkemm ir-rapprezentant tal-Ministeru appellant, Elaine Bugeja xehdet li - *"...ir-refusal hareg on those grounds ...li hi ma kinitx qed tghix 24 months barra minn Malta. Kienet qed tghix Malta ghax kienet qed issegwi dan il-course* (tal-gojjellerija)[21] – ir-raguni moghtija bil-miktub mill-Ministeru lill-appellata kienet tirrigwarda l-uzu tal-vettura f'Malta u mhux dwar ir-residenza tal-appellata gewwa l-Italja. Dan irrispettivament ta' x'fehmet l-appellata. L-istharrig mit-Tribunal kellu jkun tad-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi komunikata lill-appellata bl-ittra tad-19 ta' Gunju, 2009 u mhux ta' xi raguni ohra li ssemmiet fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Decizjoni li nkitbet fuq l-applikazzjoni *'For Exemption From Registration Tax of a Vehicle Brought Into Malta Upon Transfer of Residence'* (VEH07) [fol. 118] , u li taqra hekk:

***"Refused:***

***It transpires from records at the ADT, <u>in the past (3) years, vehicle was being used in Malta</u>"*** (fol. 119).

Kliem li qieghed jirreferi ghall-prezenza tal-vettura f'Malta u mhux ghar-rekwizit li l-applikant irid ikun ilu jghix barra minn Malta, *"…. ghal perjodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza taghha lejn Malta"* (regolament 4(1) avviz legali 196 tal-2009). Id-decizjoni tal-appellant **ma kellha x'taqsam xejn** mar-residenza tal-appellata, tant hu hekk li fl-ebda parti tad-decizjoni ma tissemma ir-rekwizit ta' residenza barra minn

[14] Fol 7 u 8; 66 u 67.

[15] Fol 63.

[16] Fol 75 sa 77.

[17] Affidavit Stephen Abela Fol 51; affidavit tal-appellata fol 109-110; xhieda ta' Lee Satariano a fol 16.

[18] Skont Ittra a fol 14 u ittra a fol 141.

[19] Fol 118.

[20] Fol 137.

[21] Seduta tal-10 ta' Jannar 2014 a fol 112 et seq.

Malta[22]. L-appellant stess quddiem it-Tribunal iddefenda ruhu billi argumenta li l-appellata ma setatx tinghata ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghaliex *"... ma ppruvatx illi l-vettura taghha kienet qeghda tuzaha 24 xahar barra minn Malta. Ghal kuntrarju jirrizulta li hija kienet tigi hawn Malta bl-istess vettura tul l-istess zmien"* (fol. 83). Il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal kien gustifikat jikkonkludi:

*"Illi finalment it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kontenut tan-nota responsiva tal-Ministeru intimat u jirrileva illi l-kontenut tal-istess nota ma jitrattax ir-raguni tar-rifjut tal-ezenzjoni u cioe' li l-vettura kienet ilha hawn Malta ghal tlett snin imma jsemmi raguni li ma ssemmiet la fl-ittra tar-rifjut u wisq inqas fl-eccezzjonjiet tal-istess Ministeru. In fatti l-istess nota titratta l-punt tar-rekwizit ta' residenza normali, liema rekwizit ……… wisq inqas issemma, kif ga ntqal, fl-ittra tar-rifjut. Kwindi certament dan it-Tribunal ma jistax jidhol f'dan il-punt ghaliex ma kinitx ir-raguni ghala t-Transfer of Residence Exemption Board irrifjuta l-ezenzjoni in kwistjoni"*.

Fir-rikors tal-appell l-aggravju tal-appellant hu kollu bazat fuq ir-rekwizit tar-residenza u mhux il-prezenza tal-vettura f'Malta. L-ebda parti tar-rikors ma titratta l-kwistjoni dwar il-prezenza tal-vettura f'Malta, li kienet ir-raguni ghalfejn l-applikazzjoni tal-appellata giet michuda. L-istharrig li kellu jsir mit-Tribunal kien tad-decizjoni tal-appellant bir-raguni li tissemma fl-istess decizjoni, u mhux xi ragunijiet godda li setghu ssemmew waqt is-smigh quddiem it-Tribunal. Gialadarba l-aggravju tal-appellant ma jitrattax dak li fil-fatt gie deciz mit-Tribunal, il-prezenza tal-vettura f'Malta matul l-24 xahar qabel it-trasferiment tar-residenza, ifisser li dak kollu li qal l-appellant **hu rrilevanti u *out of context***.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul

[22] Mill-ittra ta' Lulju 2009 li l-appellanti baghtet wara li rceviet id-decizjoni tal-appellanti, jirrizulta li hi wkoll fehmet li l-applikazzjoni giet michuda minhabba li kienet qeghda tintuza f'Malta (ara fol. 1).